Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, s-7 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius)**

**Versus**

**Kerry Chetcuti**
**(40587M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Kerry Chetcuti,** bint Brian Chetcuti u Angela Clare nee' Foley, imwielda Pieta fl-4 ta' Jannar 1987, residenti gewwa 108, Flat 1, Triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru **40587M**.

Billi hija akkuzata talli nhar is-27 ta' Mejju 2022 ghall-habta tas-14:15hrs gewwa Triq Dun Karm, Birkirkara;

1. Ingurjat, jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' TM Officer 339 M. Dimech, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz,

2. Waqt li kienet qed issuq jew kellha fil-kontrol taghha l-vettur ta' ghamla Nissan March bin-numru tar-Registrazzjoni ICE552, naqset milli tobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija jew minn ufficjal tal-komunita' biex jitmexxa t-traffiku jew ghal kull raguni ohra fit-twettiq ta' dmirijiethom,

3. Qalet fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamilt atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-kodici, joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat l-affidavit ta' PS 408 Mark Schembri datat 14 ta' Lulju 2022.

Semghat ix-xhieda ta' Carmelo Sammut, Malcolm Dimech, Dr Christopher Spiteri u ta' l-imputata Kerry Chetcuti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputata gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 31, 95 u 338(bb) tal-Kapitolu 9 kif ukoll Regolament 124(1) ta' L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputata **hatja** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontriha u qed tikkundannaha ghal **hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€ 800.00)**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat